MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1072/2005

**Maria Antonia (ID 190451M) u Anthony Cardona (ID 230148M)**

**Vs**

**Peter Paul Cutajar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti diversi hsarat sofferi minnhom wara li l-konvenut kien haffer u nizel madwar hames piedi mal-wara tal-proprjeta’ taghhom u kkaguna l-hsara.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------